# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 8 ta' Lulju 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 89/2021 BS**

**Charmaine Muscat**

**-vs-**

**Direttur Registru Pubbliku ta' Għawdex**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat ta' Charmaine Muscat illi ppremettiet:**

Illi l-isem tal-attrici huwa CHARMAINE u dana kif jirrizulta bic-car mid-dokumenti hawn annessi u markati Dokument A u Dokument B.

Illi jirrizulta li fl-1 ta' Marzu tas-sena 1990, l-attrici bidlet isimha gewwa l-Awstralja minn MARIA CARMELA MUSCAT ghal CHARMAINE MUSCAT, kif jirrizulta mid-Dokument B.

Illi l-attrci tixtieq iggedded il-Passaport Malta taghha bl-isem il-gdid taghha u ghalhekk tixtieq li tibdel isimha gewwa Malta ukoll sabiex kull dokument legali taghha jkun bl-isem ta' CHARMAINE, u tevita li jinholqu problemi fil-hajja ta' kuljum, inkluz fil-hajja lavorattiva, taghha.

**Talbet lil din l-Onorabbli Qorti:**

- Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid registrat fir-Registru Pubbliku ghal Ghawdex bin-numru progressiv ta' tlieta u disghin (93) tas-sena elf disa' mija u tlieta u sebghin (1973) billi fejn hemm 'Ismijiet Moghtija' il-kliem MARIA CARMELA, GIUSEPPA, GIOVANNA jigu sostitwiti bil-kliem CHARMAINE, GIUSEPPA, GIOVANNA, filwaqt li fejn hemm 'Isem jew ismijiet kif ghandha tissejjah, il-kliem MARIA CARMELA jigu sostitwiti bil-kelma CHARMAINE.

- Tordna li l-istess korrezzjoni ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex, u dan ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

U dan sabiex jigu evitati kumplikazzjonijiet legali li jistghu jinqalghu aktar 'l quddiem minhabba din l-iskorettezza;

Bl-ispejjeż u bl-ingunzjoni għas-subizzjoni illi ghalija minn issa inti ngunt.

**Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur Reġistru Pubbliku ta' Għawdex illi eċċepixxa:**

1. Illi preliminarjament, a tenur ral-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, qabel is-smiegħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern;

2. Illi l-bidla jew korrezzjoni ta' isem taħt l-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta m'hijiex xi miżura ordinarja li hija miftuħa għall inizjattiva diskrezzjonali tal-individwu. Għal kuntrarju din ix-xorta ta' azzjoni hija miżura straordinarja għal skopijiet pubbliċi intiżi

esklussivament biex telimina mill-imħuħ tan-nies kull possibilita' ta' konfużjoni u diżordni dwar l-identifikazzjoni ta' dak jew dik l-individwu. Kwindi l-awtorizzazzjoni ġudizzjali ta' bidla fl-isem m'għandhiex tiġi konċessa għaliex ir-rikorrenti sempliċiment tixtieq tbiddel isimha, iżda tali awtoriżżazzjoni għandha tingħata biss jekk jirriżulta li din meħtieġa assolutament għall-esiġenza pubblika;

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti m'huwiex edott mill-fatti li ġew dikjarati fir-rikors ġuramentat u fid-dokumenti hemm mehmuża;

4. Illi finalment u dejjem mingħar preġudizzju ghas-suespost, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir da parti ta' l-esponenti, u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat ghall-spejjeż tal-kawża istanti;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż.

Rat id-dokumenti ppreżentati mir-rikorrenta annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat illi fid-19 ta' Ottubru, 2021 il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għal 14 ta' Dicembru 2021.

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Jannar, 2022 gie ordnat li seħħ il-publikazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tat-3 ta' Ġunju, 2022 l-attriċi iddikjarat li ma għandhiex aktar provi xi tressaq. Fl-istess seduta il-konvenut iddikjara ukoll li ma għandux provi xi jressaq. Il-partijiet iddikjaraw ukoll li l-kawża tista tiġi differita għas-sentenza.

Rat li l-kawża ġiet differita għas-sentenza għall-lum.

Fliet id-dokumenti kollha esebiti mill-attriċi.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-attrici kif indikat fir-rikors qed tagħmel din it-talba ai termini tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili.

Kif jirriżulta mill-atti id-debita pubblikazzjoni ai termini tal-artikolu 254 saret.

Illi mill-provi jirriżulta bl-aktar mod ċar illi li l-attrici biddlet isimha minn Maria Carmela Muscat ghal Charmaine Muscat. Dan jirriżulta mid-dokument bin-numru ta' reġistrazzjoni 1315 maħruġ mill-Istat ta' Victoria fl-Awstralja, liema dokument huwa anness mar-rikors ġuramentat.

Kif jgħid tajjeb id-Direttur konvenut it-talba għal tibdil fl-isem ta' persuna għandha tiġi akkordata biss jekk jirriżulta li tali tibdil huwa meħtieġ sabiex tiġi eliminata konfuzzjoni u diżordni fl-imħuħ tal-membri tas-soċjeta dwar l-identifikazzjoni tal-persuna li tkun qed tressaq it-talba.

Milli atti jirriżulta li fil-preżent l-attriċi hija magħrufa bħala "Charmaine" u mhux kif imniżżel fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha "Maria Carmela". Għaldaqstant hija l-fehma ta' din il-Qorti li it-talbiet ta l-attriċi huma mistħoqqa u dan għar-raġunijiet ġia mogħtija.

Billi ma jirriżultax xi tort mill-konvenut allura dan m'għandux ibati l-ebda spejjeż.

**Decide.**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti taqta u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attrici u :

1. **Tordna l-korrezzjoni taċ-ċertifikat tat-twelid reġistrat fir-Reġistru Pubbliku għal Għawdex bin-numru progressiv ta' tlieta u disgħin (93) tas-sena elf disa' mija u tlieta u sebgħin (1973) billi fejn hemm 'Ismijiet Mogħtija' il-kliem MARIA CARMELA, GIUSEPPA, GIOVANNA jiġu sostitwiti bil-kliem CHARMAINE, GIUSEPPA, GIOVANNA, filwaqt li fejn hemm 'Isem jew ismijiet kif għandha tissejjaħ, il-kliem MARIA CARMELA jiġu sostitwiti bil-kelma CHARMAINE.**

2. **Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex, sabiex jagħmel il-korrezzjoni msemmija u dan ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.**

L-ispejjeż tal-kawża jkunu a karigu ta' l-attriċi.

(ft) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur